



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.5.2011
KUMM(2011) 274 finali

**COMMUNICATION FROM THE COMMISSION TO THE EUROPEAN
PARLIAMENT, THE COUNCIL, THE ECONOMIC AND SOCIAL COMMITTEE
AND THE COMMITTEE OF THE REGIONS**

It-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi fl-UE

{SEG(2011) 580 finali}
{SEG(2011) 581 finali}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi fl-UE

1. GĦALIEX IL-VITTMU HUMA IMPORTANTI?

*Il-kriminalità tista' taffettwa lil kulħadd u fil-fatt, kull sena bosta miljuni ta' persuni fl-Unjoni Ewropea jisfaw vittmi tal-kriminalità. Skont dejta tal-Eurostat, jiġu rreġistrati madwar **30 miljun att kriminali** kontra persuni jew proprjetà u ħafna atti kriminali qatt ma jiġu rrappurtati. Spiss il-kriminalità taffettwa iktar minn vittma waħda u l-persuni qrib tal-vittma jsofru wkoll b'mod indirett. Dan iwassal għal stima kkwalifikata li turi li x'aktarx kull sena jkun hemm 75 miljun vittma diretta tal-kriminalità¹.*

U kull sena, ħafna persuni jisfaw vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fit-toroq. Fl-2010, madwar l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi seħħew iktar minn **miljun inċident tat-traffiku** li swew il-ħajja ta' 30 700 persuna. Kull sena fit-toroq imutu madwar 31 000 ruħ, fosthom 850 tifel u tifla taħt l-età ta' 14-il sena, filwaqt li 250 000 ruħ isofru minn ġrieħi gravi u 1.2 miljuni jsofru minn ġrieħi ħfief².

In-nies **jivvjaġġaw u jaqsmu l-fruntieri** kostantement, u r-riskju li jkunu vittmi jeżisti bl-istess mod meta jkunu barra minn pajjiżhom. Mill-istima ta' 1.4 miljun vjaġġ li l-Ewropej għamlu fl-2008, madwar 90% kienu fl-Unjoni³. Barra minn hekk, madwar 11.3 miljun Ewropew jirrisjedu b'mod permanenti barra minn pajjiżhom, 10% għexu u ħadmu barra minn pajjiżhom xi darba f'ħajjithom u 13% rċevew l-edukazzjoni jew it-taħriġ tagħhom barra minn pajjiżhom⁴.

*Dawn iċ-ċifri juru l-importanza li tittieħed azzjoni xierqa u effettiva fir-rigward tad-drittijiet ta' dawk li jisfaw vittmi tal-kriminalità jew tal-inċidenti tat-traffiku, f'pajjiżhom, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw jew jgħixu barra minn pajjiżhom. **Din hija problema transkonfinali kif ukoll domestika u titlob azzjoni min-naħa tal-UE.***

Hemm ukoll dimensjoni tal-ġeneru f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-vittmi. In-nisa huma partikolarment esposti għal forum ta' vjolenza moħbija jew mhux irrappurtata. Il-Kunsill tal-Ewropa jagħmel stima li minn **20%-25% tan-nisa Ewropej jesperjenzaw atti ta' vjolenza fiżika** mill-inqas darba fil-ħajja tagħhom ta' adulti, minn 12%-15% jispiċċaw f'relazzjoni b'abbuż domestiku u iktar minn 10% jsofru minn vjolenza sesswali⁵.

¹ Eurostat, Statistics in focus, 36/2009; stimi msejsa fuq analiżi tal-Istħarriġ tal-UE dwar l-Atti kriminali Internazzjonali f'Il-Piż tal-Kriminalità fl-UE' (www.europeansafetyobservatory.eu) u bis-suppożizzjoni li r-rata tal-atti kriminali li ma jiġux irrappurtati hija ta' 60%, u li l-vittmi jkollhom medja ta' tliet persuni membri tal-familja qrib tagħhom. Din l-istatistika ma tinkludix ir-reati minuri.

² Id-database CARE tal-Kummissjoni Ewropea.

³ COM(2010)352, ibbażat fuq il-Eurostat, Statistika dwar it-Turiżmu 2008.

⁴ Eurostat, Statistics in Focus, 94/2009 Eurobarometer 337/2010.

⁵ Il-Kunsill tal-Ewropa, Studju ta' valutazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa, 2006.

Billi tftitex li tikkonsolida ż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità strategika⁶ msejsa fuq il-Programm ta' Stokkolma u fuq il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu⁷, il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex jissaħħu d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u biex ikun żgurat li tiġi ssodisfata l-ħtieġa tagħhom għall-protezzjoni, l-appoġġ u l-aċċess għall-ġustizzja.

L-UE diġà ħadet azzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi fi proċeduri kriminali⁸ u bosta mill-Istati Membri għandhom xi tip ta' protezzjoni tal-vittmi u appoġġ għalihom. Madankollu, ir-rwol u l-ħtieġijiet tal-vittmi fi proċeduri kriminali xorta għadhom mhux indirizzati biżżejjed u l-livell tad-drittijiet tal-vittmi għadu jvarja b'mod sinifikattiv madwar l-UE kollha.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni qed tippreżenta pakkett ta' proposti bil-għan li jissaħħu l-miżuri nazzjonali, jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jingħataw drittijiet minimi u mhux diskriminatorji madwar l-UE kollha, irrISPettivament min-nazzjonalità tagħhom jew mill-pajjiż ta' residenza tagħhom. Dan il-pakkett jinkludi wkoll mekkaniżmu ġdid ta' rikonoxximent reċiproku biex ikun żgurat li l-vittmi, jew il-vittmi potenzjali, li jibbenefikaw minn din il-miżura ta' protezzjoni fl-Istat Membru fejn jirrisjedu, ma jitilfuhiex meta jaqsmu l-fruntieri. Permezz ta' dan il-pakkett, l-UE se tikkontribwixxi biex tpoġġi l-ħtieġijiet tal-vittmi tal-kriminalità fiċ-ċentru tas-sistemi tal-ġustizzja, flimkien mal-qbid u l-ikkastigar ta' min jikser il-liġi.

Il-kumpens huwa wieħed mill-ħtieġijiet bażiċi tal-vittmi. Madankollu, il-persuni involuti f'inċidenti tat-traffiku fi Stat Membru ieħor jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet amministrattivi u proċedurali meta jfittxu li jiksbu kumpens, u dan minħabba perjodi differenti ta' preskrizzjoni. Il-Kummissjoni se tindirizza din il-problema billi tippromponi li jkun hemm armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni estensiva sabiex il-vittmi ma jkunux f'riskju li jitilfu d-dritt tagħhom li jirċievu kumpens minħabba raġunijiet ta' proċedura.

Fl-aħħar nett, hemm rabta ċara bejn id-drittijiet tal-vittmi u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Għal ħafna snin il-Kummissjoni ħadet azzjoni bil-għan li timpedixxi l-kriminalità u l-vjolenza u tippromwovi s-sikurezza fit-toroq⁹. Il-ħidma favur il-prevenzjoni hija kruċjali mhux biss biex jitnaqqsu l-kriminalità u l-inċidenti fuq perjodu qasir u medju ta' żmien, iżda anki biex tinbidel l-attitudni lejn l-imġiba kriminali jew imprudenti, u dan jista' jagħti riżultati pożittivi fit-tul u dejjiema.

2. GĦALIEX JEĦTIEĠ LI JKUN HEMM MIŻURI ĠODDA GĦALL-VITTM I FUQ IL-LIVELL TAL-UE?

- *Diġà sar ħafna progress rigward ir-rikonoxximent tal-vittmi, imma għad baqa' ħafna xi jsir*

⁶ COM(2010)623.

⁷ ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1; COM(2010) 171.

⁸ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-proċeduri kriminali; Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE fir-rigward tal-kumpens għall-vittmi ta' atti kriminali

⁹ Pereżempju l-programm Daphne III; Prevenzjoni, Thejjiġa u Mmaniġġjar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà; Il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità; Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-Toroq 2011-2020.

L-idea li d-drittijiet tal-vittmi għandhom ikunu aċċessibbli fuq bażi ta' ugwaljanza u bla diskriminazzjoni mhix idea ġdida. Fl-1989 il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dispożizzjoni dwar il-kumpens, li hija ħtieġa ewlenija għall-vittmi, m'għandhiex tkun limitata għal raġunijiet ta' nazzjonalità¹⁰. Minn dak inhar l-UE ħadet azzjoni biex tistabbilixxi standards minimi għall-vittmi, b'mod partikolari permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2001¹¹, kif ukoll billi indirizzat gruppi speċifiċi ta' vittmi – il-vittmi tat-traffikar, tal-isfruttament sesswali u l-abbuż tat-tfal u tat-terroriżmu¹². Il-Kummissjoni tat l-appoġġ finanzjarju tagħha anki fil-ħidma tal-aġenziji pubbliċi u l-NGOs li jaħdmu mal-vittmi u għalihom, li ħafna minnhom huma mmexxija minn voluntiera¹³.

Madankollu, l-implimentazzjoni tal-istandards stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2001 mhix sodisfaċenti.¹⁴ It-Trattat ta' Lisbona issa jipprovdi bażi legali ċara li permezz tagħha l-UE tista' tistabbilixxi regoli minimi dwar id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità biex ikun iffaċilitat ir-rikonossiment reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill Ewropew stiednu biex tittieħed azzjoni f'dan il-qasam¹⁵. Filwaqt li jibnu fuq l-istrumenti eżistenti u jikkumplimentawhom, il-proposti tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jsaħħu l-qafas legali billi jintroduċu strumenti legali vinkolanti b'mod dirett u li jistgħu jiġu infurzati kif xieraq.

- *Iż-żieda tal-fiduċja fis-sistema tal-ġustizzja u t-titjib tal-kwalità tal-ġustizzja*

Wieħed mill-oġettivi tal-Unjoni Ewropea huwa li toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fejn il-moviment ħieles tagħhom ikun żgurat. Madankollu, mhux possibbli li jkun hemm fiduċja reċiproka mingħajr applikazzjoni effettiva madwar l-UE kollha ta' livell minimu ta' drittijiet għall-vittmi. Dan ifisser li s-sistemi ġudizzjarji għandu jkollhom fiduċja sħiħa fl-istandards ta' xulxin f'dak li għandu x'jaqşam mal-imparzjalità u l-ġustizzja, u ċ-ċittadini għandu jkollhom fiduċja li meta jivvjaġġaw jew jgħixu barra minn pajjiżhom jiġi applikat l-istess livell ta' regoli minimi.

- *L-istandards minimi għandhom japplikaw fl-Istati Membri kollha*

Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jipprovdu xi tip ta' protezzjoni lill-vittmi tal-kriminalità u appoġġ għalihom. Madankollu, ir-rwol u l-ħtiġijiet tal-vittmi fi proċeduri kriminali għadhom mhux qed jiġu indirizzati bis-sħiħ fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. Bl-istess mod, filwaqt li l-Istati Membri kollha għandhom proċeduri li permezz tagħhom jista' jintalab kumpens wara inċident tat-traffiku, ir-regoli dwar il-preskrizzjoni applikabbli fir-rigward ta' dawn it-talbiet huma varji. Biex tiġi indirizzata din il-problema, jeħtieġ li l-Istati Membri jgħollu l-istandards dwar id-drittijiet tal-vittmi u l-UE għandha tiżgura li l-vittmi jibbenefikaw mill-istess kundizzjonijiet. L-applikazzjoni ta' ċertu livell minimu ta'

¹⁰ Kawża 186/87 - *Ian William Cowan v Trésor public*, sentenza tat-2 ta' Frar 1989.

¹¹ Ara nota tal-qiegħ 8.

¹² **Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI**; proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI; Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

¹³ Iktar minn 20 000 voluntier jaħdmu mal-organizzazzjonijiet għall-appoġġ tal-vittmi fl-Ewropa (L-Appoġġ tal-Vittmi fl-Ewropa 2010).

¹⁴ Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni - COM(2009)166.

¹⁵ Riżoluzzjoni tal-PE tas-7 ta' Ġunju 2009 dwar l-iżvilupp ta' żona ta' ġustizzja kriminali tal-UE (INI/2009/2012); Programm ta' Stokkolma (ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1).

protezzjoni u standards fl-Istati Membri kollha għandha tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja u żżid il-kwalità tal-ġustizzja kif ukoll ittejjeb il-fiduċja tal-poplu fil-kunċett tal-“ġustizzja”.

- *Id-drittijiet fundamentali għandhom jiġu rispettati*

It-trattament xieraq tal-vittmi huwa wieħed li jikkonforma ma' sensiela ta' drittijiet fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta tal-UE) u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR)¹⁶. Għalhekk, ir-rikonoxximent effettiv u r-rispett tad-drittijiet tal-vittmi, b'mod speċjali tad-dinjità tagħhom, tal-ħajja privata u tal-familja u tal-proprjetà tagħhom, għandhom jiġu mħarsa u fl-istess ħin għandhom jiġu żgurati ukoll id-drittijiet fundamentali tal-oħrajn, bħal pereżempju l-imputat. L-azzjoni min-naħa tal-UE se tgħolli l-istandards tad-drittijiet fundamentali għal daww kollha milquta minn proċeduri kriminali – kemm jekk huma vittmi, kif ukoll jekk huma imputati jew taħt arrest, filwaqt li se jiġi żgurat li kwalunkwe limitazzjoni ta' dawn id-drittijiet isseħħ biss meta dan ikun meħtieġ u li sseħħ b'mod proporzjonat.

- *Jekk jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-vittmi, dan se jikkontribwixxi lejn it-tnaqqis tal-ispiża marbuta mal-kriminalità*

It-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi għandu impatt pożittiv fuq il-vittmi individwali u fuq is-soċjetà ġenerali. Jekk jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-vittma qabel, waqt u wara l-proċeduri kriminali jistgħu jintnaqqsu l-ispejjeż globali marbuta mal-kriminalità¹⁷. Dan jinkludi spejjeż tanġibbli fil-qasam ekonomiku u fil-qasam tas-saħħa kif ukoll fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, u spejjeż intanġibbli bħas-sofferenza u t-tbatija tal-vittma u t-tnaqqis fil-kwalità tal-għajxien tagħha. Il-vittmi li jkunu rappreżentati, appoġġati u protetti se jirpiljaw iktar malajr, kemm fiżikament kif ukoll emozzjonalment biex b'hekk ikunu jistgħu jkomplu iktar malajr bil-ħajja normali tagħhom. Dan jillimita t-telf ta' qligħ, l-assenza minn fuq il-post tax-xogħol kif ukoll il-ħtieġa ta' iktar kura tas-saħħa. Il-vittmi li jiġu trattati tajjeb għandhom iktar ċans li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-proċeduri, u dan iżid il-possibilitajiet li l-proċess u s-sentenza jkunu suċċess u allura jnaqqas ir-reċidiviżmu u s-sitwazzjonijiet fejn l-awtur ma jiġix ikkastigat.

3. ATTENZJONI SPEĊIFIKA FUQ IL-VITTM TAL-KRIMINALITÀ – X'INHUMA L-ĦTIĠIJET TAGĦHOM?

Kull sena, fl-UE, ħafna nies jisfaw vittmi tal-kriminalità. Dawn il-vittmi għandhom sensiela ta' ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati sabiex jingħataw l-għajnuna biex jirkupraw: il-ħtieġa li jiġu **rikonoxxuti** u trattati **b'rispett u b'dinjità**; li jkunu **protetti u appoġġati**; li jkollhom **aċċess għall-ġustizzja**; u li jiġu **kkompensati u li jingħataw lura dak li tilfu**.

L-għan prinċipali tal-pakkett leġislattiv tal-Kummissjoni huwa li l-ħtiġijiet tal-vittmi jiġu trattati b'mod komprensiv. Fil-fatt, il-proposti tal-Kummissjoni jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-vittmi diretti tal-kriminalità kif ukoll tal-vittmi indiretti, bħall-membri tal-familja li jsofru wkoll il-konsegwenzi tad-delitt. Għalhekk, il-qraba ta' ġewwa jew daww li jiddependu mill-vittmi, fejn xieraq, se jibbenefikaw mill-appoġġ u mill-protezzjoni proposti f'dan il-pakkett.

¹⁶ Id-drittijiet ewlenin huma: id-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, għall-integrità tal-persuna, għall-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien tad-dejta personali, id-dritt għall-proprjetà, il-moviment u r-residenza ħielsa, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, id-drittijiet tat-tfal u tal-anzjani, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet u d-dritt għal rimedju effettiv.

¹⁷ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, SEC(2011)580, p. 14.

L-eżempju ta' hawn taħt jispjega t-trattament ħażin li vittma tista' tirċievi, u kif dan jista' jaffettwalha ħajjitha, jekk il-ħtiġijiet individwali tagħha ma jiġux indirizzati sew waqt u wara li jsir ir-rapport ta' delitt. Fit-taqsimiet li ġejjin, se nuru kif l-istess storja jkollha riżultat differenti - f'kull kategorija ta' ħtiġijiet - kieku l-vittma u l-familja tagħha rċewew trattament xieraq, b'konsegwenza tal-implimentazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni.

Alex kien qed jikri appartament għall-vaganzi barra minn pajjiżu biex iqatta' l-vaganzi mal-familja, meta lejla waħda xi ħadd sgassa l-bieb u daħal. Meta pprova jwaqqaf lill-persuni li kienu daħlu fl-appartament, huma aggredewh fil-preżenza tal-familja tiegħu. Huwa għamel rapport għand il-pulizija lokali dwar dak li ġara imma peress li ma setax jiftiehem sew, ma setax jagħtihom id-dettalji kollha dwar il-każ. Fil-ġimgħat ta' wara l-inċident f'it li xejn irċieva informazzjoni dwar il-każ, u l-frustrazzjoni tiegħu bdiet tikber peress li kienu qed jiġu interrogati ħafna drabi minn uffiċjali differenti tal-pulizija. Anki t-tfal tiegħu kienu qed jiġu interrogati b'mod ripetut, u dan kien skonvolġenti għalihom.

Meta Alex mar lura d-dar kellu jagħmel diversi operazzjonijiet minħabba l-ġrieħi li sofru u ma setax jimxi għal bosta ġimgħat. Ma sema' xejn iktar mingħand il-pulizija sakemm darba minnhom intalab jidher u jixhed fil-proċess ta' żewġ suspettati, li kien qed isir barra minn pajjiżu. Il-proċess kien wieħed diffiċli għalih għax ħadd ma kien qed jispjegalx x'kien qed jiġri fil-proċeduri tal-qorti barranija u ħassu intimidat meta kellu jiffaċċja lill-imputati barra mill-awla.

Meta spiċċa l-proċess, Alex ma sema' xejn iktar dwar il-każ jew dwar x'kien sar mill-imputati. Imma għal ħafna snin wara hu u l-familja tiegħu ġarrew il-konsegwenzi emozzjonali, fiżiċi u finanzjarji tad-delitt. Minkejja li l-fatt ġara f'post ieħor u f'pajjiż ieħor, huma qatt ma reġgħu ħassewhom sikuri, lanqas f'darhom stess¹⁸.

3.1. Ir-rikonoxximent u t-trattament b'rispett

Id-dinjità tal-bniedem ta' kull individwu hija dritt fundamentali li jinsab fil-qalba tal-kunċett tagħna ta' soċjetà ġusta, u li fuqu jissejjes it-trattament xieraq tal-vittmi. Għalhekk, l-individwi li jkunu sofrew minħabba l-kriminalità jistennu li jkunu rikonoxxuti bħala vittmi, li s-sofferenza tagħhom tiġi rikonoxxuta wkoll u li jiġu trattati b'sensibilità u b'mod professjonali. Irid jiġi mifhum li l-vittmi huma individwi u li l-ħtiġijiet tagħhom għandhom jiġu rikonoxxuti. Madankollu, il-membri tal-professjonijiet madwar l-Ewropa li jkollhom kuntatt regolari mal-vittmi tal-kriminalità spiss ikollhom nuqqas ta' taħriġ dwar dawn il-ħtiġijiet jew dwar kif għandhom jidentifikawhom permezz ta' valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet.

Alex ġie attakkat fil-preżenza tal-familja tiegħu waqt vaganza barra minn pajjiżu. Meta rrapporta l-każ, il-pulizija ħadet ħsieb li ssib interpretu li jkun jista' jispjega sew u fid-dettall dak li ġara. Il-pulizija għenuh biex jikkuntattja organizzazzjoni li toffri appoġġ lill-vittmi u infurmawh dwar id-drittijiet tiegħu u dwar id-dritt li jirċievi kumpens. Fil-ġimgħat ta' wara, persuna mill-korp tal-pulizija kkuntattjat u agġornatu dwar l-investigazzjoni.

3.2. Protezzjoni

Minħabba l-mod ta' kif taħdem is-sistema, il-vittmi jistgħu jbatu waqt il-proċeduri kriminali. Sabiex jiġu evitati danni minħabba proċeduri mhux xierqa, bħall-interrogazzjonijiet ripetuti u magħmula b'nuqqas ta' sensibilità, huwa importanti li jiġi żgurat li l-vittmi jingħataw protezzjoni waqt il-proċess kollu tal-investigazzjoni kriminali u tal-proċeduri fil-qorti. Din il-protezzjoni hija essenzjali għal vittmi li huma partikolarment vulnerabbli, pereżempju t-tfal.

Anki wara li jseħħ id-delitt, il-vittmi jibqgħu vulnerabbli u jistgħu jsofru iktar danni, intimidazzjonijiet jew ritaljazzjoni mill-awtur tad-delitt. Madwar 40% tal-atti kriminali

¹⁸ Storja fittizja msejsa fuq problemi reali.

rrappurtati huma atti kriminali ripetuti kontra l-istess vittma fl-istess sena¹⁹. L-iżgurar tad-disponibilità ta' miżuri ta' protezzjoni jaf ikun kruċjali fil-prevenzjoni ta' iktar inċidenti. Barra minn hekk, minħabba ż-żieda fil-mobilità fl-UE, iktar vittmi qed imorru barra mill-pajjiż jew jivvjaġġaw barra mill-pajjiż. Madankollu, kwalunkwe protezzjoni li jkollhom tista' tintilef meta jaqsmu l-fruntieri. Bil-għan li tipproteġi lill-persuni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment ħieles, il-Kummissjoni qed tipproponi għall-ewwel darba li jkun hemm rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' protezzjoni.

Meta Alex irrapporta l-aggressjoni, il-pulizija staqsewh jekk kienx hemm il-possibilità li jkun jeħtieġ protezzjoni jew għajnuna waqt il-proċeduri. Waqt l-investigazzjoni kriminali li saret wara, Alex u l-mara tiegħu ġew interrogati minimament u l-interrogazzjonijiet saru dejjem mill-istess uffiċjal tal-pulizija, u t-tfal tiegħu kienu interrogati darba biss minn uffiċjal speċjalizzat biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' ħsara. Meta l-każ ittiegħed il-qorti, Alex irċieva t-taħrika biex jixhed. Kien moħħu mistrieħ meta daħal fil-bini tal-qorti peress li seta' jistenna f'kamra separata apposta għall-vittmi biex jiġi evitat li l-vittmi jkollhom jiffaċċjaw lill-imputati barra l-awla.

3.3. Appoġġ

Il-kriminalità jaf ikollha effetti qerrieda u li jdgħajfu fuq il-vittmi, li jistgħu jkunu trawmatizzati jew inkapaċi li jiffaċċjaw il-kwistjonijiet prattiċi b'konsegwenza tad-delitt. Jekk id-delitt jiġi rrapportat, il-vittma tkun teħtieġ li tinnegozja biex timxi 'l quddiem fil-komplessitajiet tas-sistema legali. Għalhekk, huwa essenzjali li jingħata appoġġ xieraq u fil-ħin biex il-vittmi jsibu l-għajnuna biex jegħlbu l-ostakli emozzjonali, prattiċi, amministrattivi u legali u biex jirkupraw. Minkejja l-ħidma ta' xi servizzi eżistenti ta' appoġġ għall-vittmi, bħalissa l-għajnuna ta' dan it-tip għadha mhix dejjem aċċessibbli b'faċilità.

Permezz tal-pulizija, Alex ikkuntattja organizzazzjoni li toffri appoġġ għall-vittmi. Huma taw lilu u lill-familja tiegħu l-appoġġ emottiv biex ikampaw ma' dak li għaddew minnu. Tawh ukoll xi għajnuna Prattika, bħal għajnuna biex jingħataw kura medika u biex jirregolaw id-dokumenti kollha meħtieġa. L-organizzazzjoni għall-appoġġ tal-vittmi infurmatu dwar il-proċeduri kriminali u dwar id-drittijiet u r-rwol tiegħu waqt il-proċess. Ingħata d-dettalji ta' kuntatt ta' organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi f'pajjiżu, u huwa kkuntattja b'mod regolari anki wara li nġhalaq il-każ. Permezz tal-appoġġ tagħhom hu u l-familja tiegħu rnexxielhom iħallu dak li ġara warajhom u jkomplu b'ħajjithom.

3.4. L-aċċess għall-ġustizzja

Il-vittmi għandhom interess leġittimu li jiżguraw li ssir ġustizzja. Huma għandhom jingħataw aċċess effettiv għall-ġustizzja, għax dan jista' jkun element importanti li jgħinjom jirkupraw. L-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi dwar id-drittijiet tagħhom u dwar dati u deċiżjonijiet importanti huwa aspett essenzjali biex huma jipparteċipaw fil-proċeduri, u din l-informazzjoni għandha tingħata b'mod li jftiehem minnhom. Għandu jkun possibbli wkoll għall-vittmi li jkunu preżenti waqt il-proċess u li jsegwu l-każ tagħhom mill-bidu sal-aħħar. Fil-fatt, il-vittmi madwar l-UE kollha kemm hi mhux dejjem ikollhom aċċess għal dawn l-elementi bażiċi.

Il-pulizija fl-aħħar ikkuntattjaw lil Alex biex jinfirmawh li kienu ġew arrestati żewġt irġiel u tressqu mixlija bid-delitt. Huwa nġhata wkoll informazzjoni dwar meta u fejn kien se jsir il-proċess u ġie infurmat li kellu jixhed fil-qorti. Waqt il-proċess huwa kellu l-għajnuna ta' interpretu sabiex seta' jifhem il-mistoqsijiet u partijiet l-oħra tal-proċess.

¹⁹ Stħarriġ Internazzjonali dwar il-vittmi ta' atti kriminali, 2000.

3.5. Kumpens u assistenza restorattiva

Spiss, il-persuni li jkunu sofrew dannu minħabba l-atti ta' oħrajn jistennew li jirċievu xi tip ta' kumpens finanzjarju, mingħand l-Istat jew mingħand min ikun kiser il-liġi. Il-kumpens għandu l-għan li jsewwi d-danni finanzjarji, kemm dawk immedjati u kif ukoll dawk li jirriżultaw fuq tul ta' żmien itwal. Jista' jservi wkoll bħala forma ta' rikonossiment permezz ta' pagament simboliku.

Il-ġustizzja restorattiva, li hija kunċett relattivament għdid fil-proċeduri kriminali, tmur lil hinn mill-kumpens purament finanzjarju u tiffoka fuq l-irpiljar tal-vittma. Billi sservi ta' alternattiva, jew billi tintuża flimkien mal-ġustizzja formali, hija għandha l-għan li terġa' tpoġġi lill-vittmi fl-istess sitwazzjoni li kienu fiha qabel id-delitt billi, jekk ikunu jixtiequ, tagħtihom il-possibilità li jikkonfrontaw wiċċ imbwiċċ lil min ikun kiser il-liġi fil-konfront tagħhom u billi dawk li jkunu kisru l-liġi jassumu r-responsabilità għal dak li jkunu wettqu.

Alex seta' jikkuntattja awtorità li ttiprovdi l-kumpens f'pajjiżu u jimla d-dokumenti meħtieġa bil-lingwa tiegħu stess qabel jibgħathom fil-pajjiż fejn kienet seħħet l-aggressjoni. Permezz tal-flus huwa seta' jħallas l-ispejjeż imġarrba wara l-aggressjoni, inklużi l-ispejjeż mediċi marbuta mal-operazzjoni.

4. KATEGORIJI SPEĊIFIĊI TA' VITTM

• Il-vittmi tat-terroriżmu

Il-vittmi tat-terroriżmu x'aktarx huma l-uniċi fost il-vittmi li sofrew minn attakki li fl-aħħar mill-aħħar huma intenzjonati biex jagħmlu ħsara lis-soċjetà. B'mod ġenerali, dawn għandhom l-istess ħtiġijiet ta' protezzjoni u għajjuna bħall-vittmi ta' kwalunkwe att kriminali vjolenti u serju. Dawn il-ħtiġijiet għandhom jiġu ssodisfati, u dawk il-vittmi u l-familji tagħhom għandhom jiġu appoġġjati b'modi simili.²⁰ Madankollu, minħabba n-natura tal-attakk, il-vittmi tat-terroriżmu jista' jkollhom iktar attenzjoni pubblika u spiss ikunu jeħtieġu iktar li jiġu rikonossuti soċjalment u li jirċievu trattament ta' rispett minn kulħadd, kemm mill-prattikanti kif ukoll mill-midja jew mill-individwi. Dawn il-vittmi se jibbenefikaw mill-enfasi li sar fil-proposti tal-Kummissjoni fuq ir-rikonossiment u t-trattament b'rispett.

• Vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fit-toroq

Il-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku fit-toroq spiss iħossu li l-pożizzjoni tagħhom ta' vittma mhix rikonossuta biżżejjed mis-soċjetà. Min-natura tagħhom, l-investigazzjonijiet wara inċident tat-traffiku fil-bidu iktar ifittxu li jivverifikaw il-kawżi u ċ-ċirkostanzi tal-inċident milli jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-vittmi. Madankollu, il-vittmi ta' inċidenti bħal dawn naturalment ikunu jridu jaraw li l-inċident ikun qiegħed jiġi investigat kif xieraq u, jekk ikun seħħ delitt, ikunu jridu jaraw li ssir ġustizzja. Ovvjament, dawk involuti f'każijiet bħal dawn iridu jkunu mħarrġa biex jifhmu u jirrikonossu dawn il-ħtiġijiet.

Il-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku jista' jkollhom id-dritt li jitolbu kumpens għal danni. Fil-każ ta' inċidenti transkonfinali tat-traffiku, waħda mill-problemi li jiffaċċjaw il-vittmi hija li l-limiti ta' żmien li fihom trid issir it-talba għall-kumpens ivarjaw ħafna madwar l-UE u għalhekk jista' jkun li l-vittmi ma jkunux jafu r-regoli ta' liema pajjiż ikunu japplikaw. Ir-riżultat ta' dan jista' jkun li l-vittmi ma jirċevux kumpens, partikolarment minħabba perjodi

²⁰

Kif rikonossut fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

qosra tal-preskrizzjoni estensiva jew tal-preskrizzjoni fl-Istat Membru fejn ikun seħħ l-inċident. Dawn il-vittmi se jibbenefikaw minn reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kunflitt tal-ligijiet²¹, biex ikun possibbli għalihom li jimxu mal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' pajjiżhom.

- *Vittmi partikolarment vulnerabbli*

Xi vittmi huma iktar vulnerabbli minn oħrajn għar-riskju li jsofru iktar danni waqt il-proċeduri kriminali, u għalhekk trid tiġi ssodisfata l-ħtieġa speċjali tagħhom għall-protezzjoni u l-appoġġ. Għaldaqstant, skont metodi internazzjonali u nazzjonali eżistenti, il-Kummissjoni għall-ewwel darba qiegħda tidentifika ż-żewġ kategoriji ta' vittmi vulnerabbli u l-mekkaniżmi biex jiġu identifikati persuni oħrajn li jkunu f'riskju, u dan fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet individwali tal-ħtiġijiet.

Il-kategoriji tal-vittmi vulnerabbli huma t-tfal, il-persuni b'diżabilità u l-vittmi tal-vjolenza sesswali u tat-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk, il-vittmi jistgħu jkunu vulnerabbli għal raġunijiet oħra marbuta mal-**karatteristiċi personali** tagħhom (pereżempju livell għoli ta' biża' u niket, riskju ta' intimidazzjoni jew vjolenza ripetuta, jew minħabba li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni personali, soċjali jew ekonomika li tagħmilha diffiċli għal vittma li tiffaċċja l-konsegwenzi tad-delitt jew li tifhem il-proċeduri ġudizzjarji) u/jew **mat-tip u man-natura tad-delitt** (pereżempju t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, l-atti kriminali ta' preġudizzju jew il-vjolenza minħabba l-ġeneru). Pereżempju, il-vittmi tal-kriminalità organizzata huma partikolarment vulnerabbli li jiġu intimidati u li jġarrbu vjolenza ripetuta mill-awturi u jistgħu jkunu jeħtieġu miżuri speċjali ta' protezzjoni.

Il-metodu li adottat il-Kummissjoni huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva l-ġdida proposta dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija u tad-direttiva l-ġdida dwar **it-traffikar tal-bnedmin**²². Dawn iż-żewġ miżuri jindirizzw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' daww il-vittmi vulnerabbli.

Skont il-Karta tal-UE u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kif rikonoxxuti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, **it-tfal** għandhom id-dritt fundamentali li fil-liġijiet u fil-politiki internazzjonali kollha, u anki fil-proċess ġudizzjarju, jitqiesu dejjem l-aħjar interessi tagħhom. Minħabba l-vulnerabilità tagħhom, il-Kummissjoni qed tippromwovi b'mod attiv metodu ta' 'ġustizzja adattata għat-tfal' fir-rigward ta' tfal involuti f'proċeduri kriminali²³. Investigazzjoni kriminali tista' tkun proċess trawmatiku għat-tfal, speċjalment jekk kienu vittmi ta' abbuż, u għandu jkun hemm disponibbli miżuri speċjali biex jiproteġuhom.

Il-vittmi tal-vjolenza sesswali – li l-maġġoranza tagħhom ikunu nisa – jeħtieġu protezzjoni biex ma jsofrux iktar vjolenza, u appoġġ u għajjuna speċjalizzati biex jегhlbu l-konsegwenzi multipli ta' vjolenza bħal din u jkunu jistgħu jerġgħu jibnu hājijthom. Minħabba l-mistħija u s-sens ta' ħtija li jġib miegħu t-tiġrib ta' dawn l-atti kriminali, u peress li spiss il-vittma jkollha relazzjoni mill-qrib mal-persuna li tkun użat il-vjolenza kontrieha, dawn il-vittmi jsibuha bi tqila biex jirrapportaw id-delitt. Il-vittmi tal-vjolenza sesswali jeħtieġu b'mod partikolari l-għajjuna medika u psikoloġika, inkluż eżami forensiku immedjat, u għalhekk ir-rappurtar tad-delitt m'għandux ikun kundizzjoni sabiex jiksibu aċċess għal servizzi bħal dawn.

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II).

²² Ara nota tal-qiegħ 12.

²³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal' - COM (2011) 60.

Huwa ta' importanza kbira li jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni ta' individwi li huma esposti għal **vjolenza ripetuta mill-istess persuna**. Il-protezzjoni hija kruċjali biex jiġi evitat u limitat ir-riskju ta' iktar danni, u għandha tinkludi l-possibilità li titpoġġja garanzija, ordni ristrettiva jew ordni ta' protezzjoni fuq il-persuna li tkun użat il-vjolenza biex jiġi evitat iktar kuntatt mal-vittma. Għandu jkun possibbli li din il-protezzjoni tiġi trasferita fi Stat Membru ieħor tal-UE jekk il-vittma tmur jew tivvjaġġa f'dak l-Istat.

Barra milli jiġi żgurat li l-vittmi jkollhom aċċess għal appoġġ u protezzjoni xierqa, huwa importanti li jkun hemm prevenzjoni tal-vjolenza sabiex l-ewwel u qabel kollha din ma sseħħx. In-nisa huma esposti b'mod partikolari għal forom differenti ta' vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika, speċjalment fil-familja tagħhom u fir-relazzjonijiet mill-qrib. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tiegħu azzjoni biex ma tħallix li sseħħ il-vjolenza fuq in-nisa fl-Ewropa u biex tiġġildha, u biex tappoġġja u tipproteġi lill-vittmi u lill-gruppi li qegħdin f'riskju²⁴.

5. IR-REAZZJONI TAL-KUMMISSJONI – ISSA HUWA Ż-ŻMIEN GĦALL-AZZJONI

Il-Kummissjoni qed tipproponi l-pakkett ta' strumenti leġiżlattivi li ġej biex twieġeb għall-ħtiġijiet deskritti hawn fuq u tiżgura li l-vittmi fl-Ewropa jirċievu livell minimu ta' drittijiet, protezzjoni, appoġġ, aċċess għall-ġustizzja u għajjuna biex jergġu lura għall-ħajja normali. Il-Kummissjoni se tipproponi:

- **Direttiva li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità**, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-2001. Id-Direttiva se tiżgura li l-vittmi jiġu ttrattati b'rispett u li l-ħtiġijiet speċjali ta' vittmi vulnerabbli jiġu indirizzati kif xieraq. Se tiżgura wkoll li l-vittmi jingħataw l-appoġġ li jeħtieġu, li jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri fil-qorti u li jirċievu u jifhmu l-informazzjoni rilevanti u li jkunu protetti waqt l-investigazzjonijiet kriminali u matul il-proċeduri kollha fil-qorti.
- **Regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili** li se jkunu ta' għajjuna biex ikun hemm prevenzjoni ta' danni u vjolenza u jkun żgurat li l-vittmi (pereżempju tal-vjolenza domestika) li jibbenefikaw minn miżura ta' protezzjoni meħuda fi Stat Membru, jibqgħu jirċievu l-istess livell ta' protezzjoni fi Stati Membri oħra fil-każ li huma jmorru jew jivvjaġġaw fihom. Dawn il-proċeduri għandhom jingħataw mingħajr il-ħtieġa li l-vittma tgħaddi minn proċeduri ulterjuri. Din il-miżura tikkomplimenta l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni²⁵, mibdija minn grupp ta' Stati Membri f'Settembru 2009 u li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill.

Dan il-pakkett leġiżlattiv huwa l-ewwel pass biex il-vittmi jitpoġġew fil-qalba tal-aġenda tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali. B'ħarsa lejn il-futur, għall-fażi li jmiss dwar id-drittijiet tal-vittmi, il-Kummissjoni se tirrevedi d-Direttiva 2004/80/KE dwar il-kompens lill-vittmi ta' atti kriminali u r-Regolament "Ruma II" (biex tindirizza l-kwistjoni tal-liġi applikabbli fir-

²⁴ Ara d-Dikjarazzjoni 19 annessa mal-Att Finali tal-KIG li adottat it-Trattat ta' Lisbona (ĠU C 83, 30.3.2010, p. 345).

²⁵ ĠU C 69, 18.3.2010, p. 5.

rigward tal-preskrizzjoni f'każijiet ta' inċidenti transkonfinali tat-traffiku). Bil-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni ta' dawn il-vittmi, se jitwettqu wkoll iktar studji u se tittieħed azzjoni ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' vittmi, bħall-vittmi tat-terroriżmu, tal-kriminalità organizzata u tal-vjolenza minħabba l-ġeneru, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili.

Barra minn hekk, u b'mod parallel ma' dawn l-azzjonijiet, il-Kummissjoni se timplimenta sensiela ta' miżuri kollaterali li se jkollhom rwol kruċjali biex jassiguraw li fil-prattika l-vittmi jirċievu drittijiet effettivi, u mhux neċessarjament biss meta jkunu involuti fi proċeduri kriminali. Dan se jinkludi t-taħriġ u l-bini ta' kapaċità, l-iskambju ta' Prattiki tajbin, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-vjolenza (bħas-sensibilizzazzjoni u l-ġhoti ta' informazzjoni), il-ġbir tad-dejta u r-riċerka. Se nibqgħu nagħtu wkoll appoġġ finanzjarju skont il-programmi finanzjarji eżistenti biex jiġu promossi l-kwistjonijiet rilevanti għad-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi.

Dawn l-isforzi kollha se jagħtu iktar sustanza lill-kisbiet li diġà saru fuq il-livell nazzjonali u fuq dak tal-UE. Se jippermettu li l-UE tpoġġi d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi fiċ-ċentru tal-proċess li permezz tiegħu ssir ġustizzja. Jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-vittmi jiġu rikonoxxuti kif xieraq u li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati madwar l-UE kollha, mingħajr diskriminazzjoni tal-ebda forma.